



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 28 ta' Mejju 2021
(OR. en)

9138/21

RECH 267
COMPET 424
EDUC 215
SOC 352
EMPL 261

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

fi: 28 ta' Mejju 2021

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 9009/21

Suġġett: Approfondiment taż-Żona Ewropea tar-Riċerka: Nagħtu lir-riċerkaturi karrieri u kundizzjonijiet tax-xogħol attraenti u sostenibbli u nagħmlu ċ-ċirkolazzjoni tal-imħuħ realtà
- Konklużjonijiet tal-Kunsill (adottati fit-28/05/2021)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Approfondiment taż-Żona Ewropea tar-Riċerka: Nagħtu lir-riċerkaturi karrieri u kundizzjonijiet tax-xogħol attraenti u sostenibbli u nagħmlu ċ-ċirkolazzjoni tal-imħuħ realtà", adottati mill-Kunsill fit-3797 laqgħa tiegħu li saret fit-28 ta' Mejju 2021.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar**"Approfondiment taż-Żona Ewropea tar-Riċerka: Nagħtu lir-riċerkaturi karrieri u kundizzjonijiet tax-xogħol attraenti u sostenibbli u nagħmlu ċ-ċirkolazzjoni tal-imħuħ realtà"****IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA****WAQT LI JFAKKAR**

- fir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill ta' Ġunju 2000¹ li tistabbilixxi żona Ewropea ta' riċerka u innovazzjoni (ŻER) u li tinkludi enfasi fuq ir-riżorsi umani u l-attraenza tal-professjonijiet xjentifiċi u teknoloġiċi;
- fir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Novembru 2003 dwar il-professjoni u l-karriera tar-riċerkaturi fiż-Żona Ewropea tar-Riċerka li ħeġġet lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex fost oħrajn jikkondividu u jiżviluppaw sistemi ta' evalwazzjoni u valutazzjoni, itejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol għar-riċerkaturi u jstimulaw il-mobbiltà intersettorjali tar-riċerkaturi u li stiednet lill-Kummissjoni tirrapporta regolarment²;
- fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-18 ta' April 2005 dwar ir-rinfurzar tar-riżorsi umani fix-xjenza u t-teknoloġija fiż-Żona Ewropea tar-Riċerka³;
- fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-13 u l-14 ta' Marzu 2008, li ħeġġew lill-Istati Membri jneħħu l-ostakli għall-moviment liberu tal-għarfien billi joħolqu l-"ħames libertà" bbażata b'mod partikolari fuq miżuri biex is-suq tax-xogħol għar-riċerkaturi jsir aktar miftuħ u kompetittiv u jkun hemm titjib fl-istrutturi tal-karriera, it-trasparenza u l-kompatibbiltà mal-ħajja fil-familja;
- fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2008 dwar karrieri xjentifiċi kompatibbli mal-familja: lejn Mudell Integrat, li fakkru fir-rwol kruċjali tal-politika għar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku għall-Ewropa fil-kuntest tal-Istrateġija ta' Lisbona u enfasizzaw l-importanza tar-rwol tan-nisa fix-xjenza u t-teknoloġija u li jiġu żviluppatti kundizzjonijiet għal bilanċ aħjar bejn il-ħajja professjonali u fil-familja, kif ukoll biex il-karrieri fix-xjenza jsiru aktar kompatibbli mal-familja⁴;

¹ ĠU C 205, 19.7.2000, p. 1.

² ĠU C 282, 25.11.2003.

³ 8194/05.

⁴ 10212/08.

- fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-26 ta' Settembru 2008 dwar "Karrieri aħjar u aktar mobbiltà: Sħubija Ewropea għar-riċerkaturi", li enfazzaw il-ħtieġa li jinżamm bilanċ bejn il-ftuħ fil-livell Ewropew u l-awtonomija tal-istituzzjonijiet, it-tiżiż tal-prinċipji u l-valuri tal-Karta Ewropea għar-Riċerkaturi u l-Kodiċi tal-Kondotta għar-Reklutaġġ tar-riċerkaturi⁵ (minn hawn 'il quddiem il-Karta u l-Kodiċi) u l-ħtieġa ta' monitoraġġ tal-progress fil-livelli nazzjonali u tal-UE⁶;
- fir-rapport tal-Ministri Biltgen (LU) u Gago (PT) tat-18 ta' Mejju 2009 dwar sħubija Ewropea biex tirrendi aktar attraenti l-karrieri fis-settur tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku (RŻT) u l-kondizzjonijiet għall-mobbiltà tar-riċerkaturi fl-Ewropa⁷ li ppropona perkorsi tal-karriera diversifikati fir-riċerka, karrieri doppji, kundizzjonijiet b'rabta mal-familja u flessigurtà, u li ħeġġeġ għal sinerġiji ma' formazzjonijiet oħra tal-Kunsill;
- fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-2 ta' Marzu 2010 dwar il-mobbiltà u l-karriera tar-riċerkaturi Ewropej⁸ u fil-Konklużjonijiet tiegħu tal-1 ta' Diċembru 2015 dwar l-integrità tar-riċerka⁹ u dwar l-avvanz tal-ugwaljanza bejn is-sessi¹⁰;
- fir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew ippubblikata f'April 2010¹¹ dwar karrieri aħjar u aktar mobbiltà, li b'mod partikolari titlob mudell ta' karriera uniku Ewropew, tappella għal Fond Ewropew għall-Pensjonijiet u tistieden lill-Istati Membri biex jagħmlu r-ritorn lejn l-istituzzjonijiet ta' oriġini aktar attraenti għar-riċerkaturi;
- fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Frar 2011¹² li enfazzaw li l-Ewropa teħtieġ żona ta' riċerka unifikata biex tattira t-talent u l-investiment u li appellaw għall-ħolqien ta' suq uniku ġenwin għall-ġharfien, ir-riċerka u l-innovazzjoni;
- fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-28 u d-29 ta' Novembru 2011 dwar il-modernizzazzjoni tal-edukazzjoni għolja li jitolbu proċeduri ta' reklutaġġ miftuħa u trasparenti u Qafas Ewropew għall-Karrieri fir-Riċerka;

⁵ 2005/251/KE tal-11 ta' Marzu 2005.

⁶ 13671/08, 7652/1/08 REV1.

⁷ 10003/09.

⁸ 6833/10.

⁹ 14853/15.

¹⁰ 14846/15.

¹¹ 2010/C 87 E/20.

¹² EUCO 2/11.

- fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tad-29 ta' Mejju 2015¹³ dwar il-Pjan Direzzjonali 2015-2020 għaż-Żona Ewropea tar-Riċerka li fost oħrajn enfasizzaw ir-rwol tal-kapital uman fl-iżvilupp taż-ŻER u l-ħtieġa li jissaħħu l-istrateġiji komprensivi dwar ir-riżorsi umani u l-awtonomizzazzjoni tar-riċerkaturi żgħażaġh billi dawn jiġu offruti perkorsi tal-karriera attraenti;
- fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-27 ta' Mejju 2016¹⁴ dwar it-tranżizzjoni lejn sistema ta' Xjenza Miftuħa;
- fil-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Novembru 2016¹⁵ dwar miżuri b'appoġġ għar-riċerkaturi fi stadju bikri u biex jagħmlu l-karrieri fir-riċerka aktar attraenti, li jorbtu l-karrieri mal-Aġenda għall-Ħiliet u li stiednu lill-Kummissjoni b'mod partikolari biex tiżviluppa proċessi ta' monitoraġġ għall-kejl tal-flussi tal-mobbiltà tar-riċerkaturi fi ħdan l-Unjoni Ewropea (UE) u ma' pajjiżi terzi;
- fir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/790 tal-25 ta' April 2018 dwar l-aċċess għall-informazzjoni xjentifika u l-konservazzjoni tagħha, li b'mod partikolari titlob lill-Istati Membri jistabbilixxu u jimplimentaw politiki ċari għall-aġġustament, fir-rigward tal-informazzjoni xjentifika, tas-sistema ta' reklutaġġ u ta' evalwazzjoni tal-karriera għar-riċerkaturi, is-sistema ta' evalwazzjoni biex isiru għotjiet ta' riċerka lir-riċerkaturi, u s-sistemi ta' evalwazzjoni għall-istituzzjonijiet li jwettqu riċerka;
- fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2018¹⁶ dwar il-governanza taż-Żona Ewropea tar-Riċerka, li enfasizzaw l-importanza tal-iżvilupp tas-suq tax-xogħol għar-riċerkaturi fl-Ewropa, li jorbtu x-Xjenza Miftuħa ma' mekkaniżmi ta' premjazzjoni u valutazzjoni, kif ukoll skemi ta' żvilupp tal-ħiliet għar-riċerkaturi u appellaw għal sinerġiji aħjar maż-Żona Ewropea ta' Edukazzjoni Għolja (EHEA);
- fl-Opinjoni dwar il-futur taż-ŻER adottata mill-Kumitat taż-Żona Ewropea tar-Riċerka u l-Innovazzjoni (KŻER) fis-17 ta' Diċembru 2019¹⁷ li ddeskriviet l-elementi ewlenin għal "ŻER Ġdida";
- fid-Dikjarazzjoni ta' Bratislava dwar ir-Riċerkaturi Żgħażaġħ mill-2016 li tleħħen il-ħtieġa għal karrieri aħjar fir-riċerka u fis-sejħa ta' Zagreb għal azzjoni dwar iċ-Ċirkolazzjoni tal-Imħuħ 2020 li torbot it-titjib tal-karrieri tar-riċerkaturi mal-ħtieġa ta' ekosistemi tar-riċerka

¹³ 9351/15.

¹⁴ 9526/16.

¹⁵ 15013/16.

¹⁶ 14989/18.

¹⁷ KŻER 1201/20.

nazzjonali jew lokali bi prestazzjoni aħjar sabiex jikkontribwixxu għal ċirkolazzjoni tal-imħuħ aktar bilanċjata;

- fl-Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa adottata mill-Kummissjoni fit-30 ta' Ġunju 2020 li appellat biex jiġi żviluppat Qafas Ewropew ta' Kompetenza għar-riċerkaturi, li jappoġġa l-iżvilupp ta' ġabra ta' ħiliet ewlenin għar-riċerkaturi, tassonomiji ta' ħiliet, u taħriġ relatat, f'konformità mal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali;
- fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Settembru 2020¹⁸ dwar "ŻER ġdida għar-riċerka u l-innovazzjoni";
- fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-1 ta' Diċembru 2020¹⁹ dwar iż-Żona Ewropea tar-Riċerka l-Ġdida li stiednu lill-Presidenza Portugiża biex tiżviluppa aktar, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, is-suġġett tal-karrieri fir-riċerka, u enfasizzaw il-ħtieġa ta' sinerġiji aktar b'saħħithom bejn iż-ŻER u l-elementi relatati mal-edukazzjoni għolja taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni;
- fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali li jenfasizza ż-ŻER bħala element kruċjali biex l-Ewropa ssir kompetittiva u sostenibbli u biex jinfetħu opportunitajiet permezz tal-innovazzjoni, u r-Rakkomandazzjoni relatata tal-Kunsill dwar il-protezzjoni soċjali²⁰ li thegġegħ lill-Istati Membri biex itejbu l-aċċess għall-protezzjoni soċjali għal kulħadd.

I. Introduzzjoni

1. JIRRIKONOXXI li r-riċerkaturi u persunal ieħor tar-riċerka u l-iżvilupp (R&Ż) fis-settur pubbliku u fis-settur privat huma fil-qalba tas-sistemi tar-riċerka u l-innovazzjoni (R&I) u li ż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER), stabbilita bl-Artikolu 179 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, għandha l-għan li toħloq suq intern għar-riċerka b'ċirkolazzjoni libera tar-riċerkaturi, l-għarfien u t-teknoloġija biex tiżgura produzzjoni, diffużjoni u innovazzjoni fl-għarfien ta' kwalità għolja; u JENFASIZZA li minkejja l-progress li sar s'issa, għad hemm sfidi u hemm bżonn ta' aktar azzjoni koordinata.

¹⁸ 11400/20 + ADD1.

¹⁹ 13567/20.

²⁰ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 2019/C 387/01 tat-8 ta' Novembru 2019.

2. Bil-ħsieb li jaħdem għal aġenda ta' politika dwar iż-ŻER, u meta jqis il-Pjan Direzzjonali għaż-ŻER definit mill-Kummissjoni, jiġifieri dwar il-prijorità "approfondiment taż-ŻER", JINNOTA l-importanza ta' kundizzjonijiet ta' qafas adegwati għall-karrieri ta' riċerka, inkluż il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata²¹, l-impjegabbiltà u l-aċċess għall-protezzjoni soċjali għal kulhadd²².
3. IFAKKAR li element essenzzjali taż-ŻER Ġdida" huwa li l-karrieri fir-riċerka jsiru aktar attraenti fl-Unjoni kollha, billi jinħolqu kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-impjieg inklużivi u ta' appoġġ, inkluż b'taġħlim tul il-ħajja, għal karrieri fir-riċerka aktar sostenibbli u interessanti u li, konsegwentement, jattiraw l-aħjar talenti mingħajr preġudizzju u jżommu riċerkaturi eċċellenti mill-Ewropa u minn madwar id-dinja.
4. JILQA' l-proposti tal-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni dwar iż-ŻER għal sett ta' għodod ta' miżuri ta' appoġġ biex jissaħħu l-karrieri fir-riċerka u azzjonijiet oħra relatati, bħal dawk relatati max-xjenza miftuħa, l-inklużività u l-aċċess għall-eċċellenza (eż. EURAXESS u l-faċilitazzjoni taċ-ċirkolazzjoni tal-imħuħ).
5. IQIS li l-karrieri fir-riċerka jmorru lil hinn mill-politiki għar-riċerka u l-innovazzjoni, peress li jimmobilizzaw politika pubblika oħra bħal dik dwar l-impjiegi, il-politika soċjali u dik dwar l-edukazzjoni, u jirrikonoxxu l-potenzjal għal sinerġiji u koordinazzjoni orizzontali; JISĦAQ fuq l-importanza tad-dimensjonijiet nazzjonali, reġjonali u settorjali u tal-preservazzjoni tal-awtonomija tal-organizzazzjonijiet.
6. JISĦAQ li l-kooperazzjoni transfruntiera u transsettorjali, il-ftuħ, il-qsim, ir-reklutaġġ ġust, il-kompetizzjoni u l-ħolqien tal-valur mill-għarfien imsejsa fuq l-attivitajiet tar-riċerka u l-innovazzjoni jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' karrieri sostenibbli u attraenti fir-riċerka.
7. JENFASIZZA li ż-ŻER irnexxielha trawwem il-mobbiltà tar-riċerkaturi u neħħiet l-ostakli għaċ-ċirkolazzjoni u l-iżvilupp tal-karriera permezz, fost oħrajn, tal-Karta u l-Kodiċi u l-mekkaniżmi ta' implimentazzjoni tiegħu, inkluż l-Istrateġija tar-Riżorsi Umani għar-Riċerkaturi u l-EURAXESS, l-Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie (MSCA), il-Kooperazzjoni Ewropea fix-Xjenza u t-Teknoloġija (COST) u miżuri ta' twessigħ; madankollu, minkejja l-progress, id-dimensjoni Ewropea u internazzjonali tal-karrieri fir-riċerka għadha teħtieġ aktar impenji u sforzi konġunti mill-Istati Membri u l-Unjoni.

²¹ Id-Direttiva (UE) 2019/1158 tal-20 ta' Ġunju 2019.

²² Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 2019/C 387/01 tat-8 ta' Novembru 2019.

II. Mobbiltà, ċirkolazzjoni tal-imħuħ u sistemi tar-riċerka u l-innovazzjoni

8. IFAKKAR li l-mobbiltà ġeografika, intersettorjali u interdixxiplinari tar-riċerkaturi u ta' persunal ieħor tar-riċerka u l-iżvilupp hija dimensjoni ċentrali taż-"ŻER Ġdida", u li l-Unjoni u l-Istati Membri għandhom iħabirku favur ċirkolazzjoni tal-imħuħ biex jindirizzaw il-fluss żbilanċjat ta' riċerkaturi; JIRRIKONOXXI li ċ-ċirkolazzjoni tal-imħuħ tiddependi minn kundizzjonijiet ta' qafas adegwati, karrieri interoperabbli u attraenti fir-riċerka u l-kwalità u attraenza ġenerali tas-sistema tar-riċerka; IĦEĠĠEĠ lill-Istati Membri biex itejbu l-kwalità tas-sistemi tar-riċerka u l-innovazzjoni b'kundizzjonijiet ta' qafas adegwati, inkluż biżżejjed investiment fir-riċerka u l-innovazzjoni u l-implimentazzjoni ta' riformi kif meħtieġ.
9. JIRRIKONOXXI li l-impatti tal-mobbiltà fuq l-iżvilupp tal-karrieri fir-riċerka huma rilevanti ħafna fi stadji aktar bikrija tal-karrieri, meta r-riċerkaturi jkollhom tendenza akbar li jfittxu pożizzjonijiet xierqa, mentoraġġ, progress fil-karriera tagħhom, remunerazzjoni u kundizzjonijiet tal-impjieg aħjar, benesseri u bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata kif ukoll kwalità fl-ekosistemi tar-riċerka.
10. JISĦAQ li r-reklutaġġ ġust u l-kompetizzjoni għat-talent bejn l-istituzzjonijiet u s-sistemi[...] huma elementi essenzjali biex is-sistemi tar-riċerka jsiru aktar attraenti; JENFASIZZA l-ħtieġa ta' investiment f'sistemi ta' riċerka nazzjonali u lokali u li jinħolqu kundizzjonijiet tax-xogħol xierqa u ġusti għall-iżvilupp tal-karriera, bil-ħsieb li jiġi eliminat kaġun ewlieni tal-iżbilanċi fil-flussi fi ħdan is-suq intern u lil hinn minnu.
11. JISSOTTOLINJA li l-flussi mhux uniformi ta' riċerkaturi u ċ-ċirkolazzjoni tal-imħuħ jeħtieġ[...] li jiġu indirizzati mhux biss fil-livell nazzjonali, iżda wkoll fil-livell Ewropew permezz ta' miżuri u strumenti ta' politika, u b'hekk jeħtieġu data komparabbli minn pajjiżi differenti; JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tiżviluppa strumenti u miżuri għall-kisba ta' dan l-għan, pereżempju permezz taċ-Ċentri taż-ŻER u l-ERA4You, l-Azzjonijiet ta' Twessigħ u strumenti ta' appoġġ għat-tfassil u l-implimentazzjoni ta' riformi fis-sistemi nazzjonali tar-riċerka u l-innovazzjoni, inkluż bl-appoġġ tal-Faċilità ta' Appoġġ għall-Politiki ta' Orizzont 2020.

12. JENFASIZZA l-importanza ta' skemi ta' inċentiv għall-promozzjoni tal-mobilità u l-iżvilupp tal-karriera fil-livell Ewropew (ERASMUS+, MSCA, ERC, COST) kif ukoll skemi nazzjonali ta' ritorn u integrazzjoni; JISTENNA BIL-ĦERQA, f'dan il-kuntest, l-eżitu tal-istudju dwar miżuri ta' appoġġ għar-riċerkaturi biex jirritornaw lejn il-pajjiż ta' oriġini tagħhom fi ħdan u lejn l-Unjoni, kif previst f'Orizzont Ewropa li jista' jkun għodda utli, jekk dan ikun adatt u ġustifikat, biex jiġu modernizzati jew imtejba l-programmi u s-sistemi ta' taħriġ fir-riċerka kif ukoll biex l-istituzzjonijiet isiru aktar attraenti madwar id-dinja.

III. Suq tax-xogħol miftuħ għar-riċerkaturi

13. JISSOTTOLINJA li waħda mill-prijoritajiet tal-Pjan Direzzjonali taż-ŻER 2015-2020 - "Suq tax-xogħol miftuħ għar-riċerkaturi" (prijorità 3 taż-ŻER) hija li tiżdied il-mobbiltà tar-riċerkaturi fl-Ewropa, permezz ta' sistema miftuħa ta' reklutaġġ sabiex jinkiseb suq tax-xogħol għar-riċerkaturi li jiffunzjona tajjeb; JISTENNA BIL-ĦERQA l-evalwazzjoni tagħha, inkluż rakkomandazzjonijiet u miżuri eventwali.
14. JENFASIZZA t-tendenza li dejjem qed tiżdied lejn il-prekarjetà tal-impjiegi fil-kamp akkademiku, it-telf tat-talent u t-tnaqqis tas-sigurtà tal-impjiegi f'ħafna pajjiżi, aggravati mill-pandemija tal-COVID-19; JINNOTA li bilanċ mhux ottimali bejn il-finanzjament istituzzjonali u dak ibbażat fuq proġetti jwassal għal kuntratti ta' żmien qasir ibbażati fuq proġetti li ma jagħtux perspettiva fit-tul lir-riċerkaturi, kif jidher mill-fatt li l-kuntratti temporanji bbażati fuq għotjiet jiddominaw il-perkors tal-bidu tal-karrieri fil-kamp akkademiku; JIRRIKONOXXI li l-għadd ta' pożizzjonijiet akkademiċi huwa limitat u li kull ma jmur aktar hemm probabbiltà li r-riċerkaturi jsibu impjieg barra mill-kamp akkademiku jew jilhqqu pożizzjoni permanenti fil-kamp akkademiku aktar tard fil-karriera professjonali tagħhom; u JITLOB lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni għal strumenti u għodod xierqa li jippromwovu kundizzjonijiet tax-xogħol attraenti fi ħdan il-kamp akkademiku u lil hinn minnu.
15. JIRRIKONOXXI li hemm bosta ostakli li jħabbtu wiċċhom magħhom ir-riċerkaturi fil-bidu tal-karriera kemm fi ħdan kif ukoll barra mill-kamp akkademiku, nuqqas ta' mekkaniżmi ta' gwida adegwati u ta' involviment ta' setturi oħra fis-sistemi tat-taħriġ u l-iżvilupp tal-karriera tagħhom, li jistgħu jirriżultaw f'disparità tal-ħiliet mal-impjiegi disponibbli fis-suq tax-xogħol; JISĦAQ li r-riċerkaturi nisa fil-bidu tal-karriera tagħhom iħabbtu wiċċhom ma' ostakli speċifiċi addizzjonali.

16. JENFASIZZA li d-disparità fil-ħiliet osservata fis-swieq tax-xogħol ta' ħafna pajjiżi tirriżulta mill-fatt li t-taħriġ għal dottorat għandu t-tendenza li jiffoka fuq perkors tal-karriera fir-riċerka akkademika, ħiliet ta' riċerka u incenċivi akkademiċi standard, u b'hekk ma jipprovdi il-ħiliet trażversali xierqa sabiex it-talenti jersqu lejn setturi oħra, li l-kapaċità tagħhom għall-assorbiment ta' profili akkademiċi hija limitata; JISSOTTOLINJA l-ħtieġa ta' appoġġ għal servizzi ta' konsulenza u tal-iżvilupp tal-karriera, inkluż għal pariri dwar l-għażliet tal-karriera fl-istadji kollha tal-karriera; u JINKORAĠĠIXXI rwol aktar b'saħħtu għall-informazzjoni dwar il-ħiliet biex tgħin fid-deċiżjonijiet ta' politika u għall-konsiderazzjonijiet dwar ir-riċerkaturi u l-karrieri fir-riċerka meta jitfasslu miżuri jew strateġiji nazzjonali f'dan il-qasam; u JISSOTTOLINJA li t-taħriġ għal dottorat f'kollaborazzjoni mas-settur privat jgħin biex titnaqqas id-differenza fil-kultura u tingħata spinta lill-ħiliet meħtieġa ta' riċerka barra mill-kamp akkademiku, u b'hekk titrawwem l-impjegabbiltà.
17. JISSOTTOLINJA f'dawn il-kuntesti l-importanza tat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid u l-ħiliet trażversali, b'mod partikolari l-ħiliet diġitali; u JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tippromwovi inizjattivi f'sinerġija mal-Patt għall-Ħiliet biex jimmassimizzaw l-impatt tal-investment fil-ħiliet billi jlaqqgħu flimkien partijiet ikkonċernati pubbliċi u privati.
18. JENFASIZZA l-ħtieġa ta' tkabbir tal-programmi ta' taħriġ għal dottorat ibbażat fuq l-eżempju tan-Networks tad-Dottorat tal-MSCA, lil hinn mit-taħriġ akkademiku, inkluż ħiliet trasferibbli ta' valur għal setturi oħra, u l-involviment ta' setturi oħra sa mill-bidu fis-sistemi tat-taħriġ għal riċerkaturi fil-bidu tal-karriera sabiex jittejjeb it-tqabbil mal-ħtiġijiet tal-ħiliet lil hinn mis-settur akkademiku. F'dan ir-rigward, JIRRIKONOXXI l-importanza ta' miżuri ta' politika li jippromwovu aċċess usa' għat-taħriġ u ta' strumenti għall-iżvilupp tal-karriera, kif ukoll il-promozzjoni tal-ħolqien ta' valur mill-għarfien, l-intraprenditorija u l-appoġġ għall-ħolqien ta' negozji ġodda, fejn ikun rilevanti; u JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tesplora dawn il-possibiltajiet fit-tfassil tal-ERA4You abbażi tal-aħjar prattiki tal-Istati Membri.
19. JINNOTA li l-firxa tal-fatturi li jinfluwenzaw il-fluss mhux uniformi tar-riċerkaturi tinkludi, fost oħrajn, il-livelli ta' remunerazzjoni, il-pensjonijiet, is-sigurtà soċjali u kundizzjonijiet oħra tal-impjieg, li fil-biċċa l-kbira jiġu determinati fil-livell nazzjonali, reġjonali jew istituzzjonali .

20. JINNOTA r-rwoli diversi u essenzjali tat-talenti b'ħiliet ta' livell għoli fis-sistemi ta' riċerka u innovazzjoni li jirnexxu madwar iż-ŻER, bħal pereżempju stewards tad-data, operaturi tal-infrastruttura (elettronika) tar-riċerka, faċilitaturi tar-riċerka, sensara tal-għarfien, u ġesturi u koordinaturi tat-trasferiment tal-innovazzjoni u t-teknoloġija, fost oħrajn; JINNOTA li dawn ir-rwoli jeħtieġ li jiġu rikonnoxxuti u appoġġati bi strumenti ta' taħriġ u żvilupp tal-karriera biex jiġu ottimizzati l-opportunitajiet ta' impjieg; u JISTIENEN lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jiżviluppaw miżuri b'appoġġ għad-diversifikazzjoni tal-karrieri u għal perkorsi tal-karriera multipli.

IV. Qafas Ewropew attraenti għal karrieri fir-riċerka

21. JINNOTA li qafas flessibbli Ewropew għall-karrieri fir-riċerka huwa essenzjali għall-ħolqien ta' kundizzjonijiet biex jinżammu u jiġu attirati talenti lejn l-Ewropa li jiffaċilitaw l-interoperabbiltà, il-komparabbiltà, l-interruzzjonijiet fil-karriera u l-mobbiltà; JILQA' l-ħidma teknika mwettqa mill-Kummissjoni għall-aġġornament tal-2021 tal-klassifikazzjoni tal-ESCO²³ u l-iżvilupp ta' Qafas Ewropew ta' Kompetenza għar-riċerkaturi biex il-professjoni tkun tista' tiġi rikonnoxxuta fil-livell Ewropew; bl-istess mod, JINNOTA l-ħidma li trid issir fuq l-EURES²⁴, u JISTAQSI lill-Kummissjoni biex tiżviluppa tassonomija tal-Ħiliet għar-riċerkaturi²⁵ sabiex tippermetti l-monitoraġġ statistiku taċ-ċirkolazzjoni tal-imħuħ u biex tiddiskuti mal-Istati Membri dwar sett ta' indikaturi skont dan, u tipproponi skema ta' taħriġ biex jitrawwem għarfien espert nazzjonali.
22. JIRRIKONNOXXI li livelli koerenti ta' tassonomija globali, Ewropea u nazzjonali ser jiffaċilitaw l-interoperabbiltà bejn il-karrieri ta' setturi differenti u l-mobbiltà intersettorjali, b'rispett sħiħ għall-awtonomija tal-universitajiet, l-organizzazzjonijiet ta' riċerka u n-negozji .

²³ ESCO: Klassifikazzjoni Ewropea ta' Ħiliet, Kompetenzi, Kwalifiki u Impjiegi.

²⁴ Regolament (UE) 2016/589 tat-13 ta' April 2016 dwar netwerk Ewropew ta' servizzi tal-impjiegi (EURES), aċċess tal-ħaddiema għas-servizzi ta' mobilità u integrazzjoni ulterjuri tas-swieq tax-xogħol.

²⁵ 9349/20.

23. JISSOTTOLINJA li l-prattiki attwali ta' premjazzjoni u valutazzjoni huma bbażati fil-biċċa l-kbira fuq il-biblijometrija aktar milli fuq dak li jipproduċu r-riċerkaturi u kif (l-eċċellenza u l-impatt), u għandhom jevolvu lejn valutazzjoni aktar kwalitattiva, li jista' jkollha impatt fuq id-diversifikazzjoni tal-karrieri fir-riċerka, b'kont meħud tal-kollaborazzjoni miftuħa u l-kondiviżjoni tal-għarfien u tad-data, il-valorizzazzjoni tar-riċerka, l-aspetti intersettorjali u, fejn ikun rilevanti, l-involviment tas-soċjetà; JENFASIZZA l-ħtieġa li jiġi esplorat aktar kejl tal-kwalità bbażat fuq it-talent u sensitiv għad-diversità, li jmur lil hinn mill-metrika tal-pubblikazzjonijiet u l-kwotazzjonijiet u jieħu kont tal-eċċellenza tar-riċerka, it-tagħlim u l-ħiliet, l-impatt, is-servizzi lis-soċjetà (eż. kura tal-pazjenti), il-prattiki tax-xjenza miftuħa, ix-xjenza f'tim, il-mobbiltà, il-ħiliet ta' ġestjoni u tmexxija, l-intraprenditorija u l-kollaborazzjoni mal-industrija, fost oħrajn; JINNOTA l-esperjenzi u r-riformi li għaddejjin fl-Istati Membri u fl-organizzazzjonijiet ta' riċerka u l-universitajiet li jitolbu approċċ Ewropew għall-evalwazzjoni tat-talent tar-riċerkaturi; JILQA' l-konsultazzjoni li qed tagħmel il-Kummissjoni dwar ir-riforma tal-valutazzjoni tar-riċerka, fost dawk li jfasslu l-politika (il-livelli tal-UE, tal-Istati Membri), il-finanzzjuri tar-riċerka, dawk li jwettqu r-riċerka u partijiet konċernati oħra.
24. JINNOTA li r-reviżjoni tal-kamp ta' applikazzjoni indirizzat mill-Karta u l-Kodiċi tinsab għaddejja fil-gruppi relatati maż-ŻER u l-Kummissjoni f'ħolqien konġunt mal-partijiet konċernati, u JIKKUNSIDRA l-analiżi ta' evoluzzjoni ulterjuri lejn qafas uniku b'approċċ aktar olistiku li jindirizza l-isfidi kollha lil hinn mill-valuri u l-prinċipji u jwessa' l-attenzjoni lejn setturi lil hinn mill-kamp akkademiku; JENFASIZZA li l-"Karta u l-Kodiċi" mġedda għandhom jipprovdu linji gwida għal aktar titjib fis-sistemi ta' reklutaġġ, għażla, premjazzjoni u valutazzjoni tar-riċerkaturi madwar l-Ewropa; f'dan il-kuntest, JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tanalizza l-aħjar Prattiki fil-livell nazzjonali u tippreżenta proposti sal-2022, fost oħrajn għal sistemi ta' perkorsi lejn ħatriet akkadeimiċi indefiniti, valutazzjoni tar-riċerka, diversifikazzjoni tal-karriera, bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, inċentivi biex jiġu impjegati riċerkaturi fil-bidu tal-karriera u biex tiġi indirizzata l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-interoperabbiltà mal-industrija u t-titjib tal-governanza u s-servizzi tal-EURAXESS.

25. JILQA' r-riforma u t-twessigħ tan-network, is-servizzi u l-portali tal-EURAXESS lejn pjattaforma għall-ġestjoni tat-talenti, b'rabtiet mal-EURES u l-EUROPASS, u networks tranżnazzjonali oħra, b'mod partikolari t-twessigħ tal-punti ta' kuntatt nazzjonali, il-kollegament bejn ir-riċerkaturi u l-istituzzjonijiet u l-għajnuna biex jiġi assorbit it-talent fil-pajjiżi u r-reġjuni filwaqt li jibqgħu garantiti servizzi ta' kwalità mingħajr interruzzjoni fin-network kollu; JISTIEDEN lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex ifasslu u jiżviluppaw flimkien il-fażi li jmiss tal-EURAXESS lejn Pjattaforma tat-Talent taż-ŻER.
26. JISĦAQ fuq l-importanza li titħares u tissaħħaħ il-libertà fir-riċerka xjentifika u l-karrieri fir-riċerka; JINNOTA l-fatt li r-riċerkaturi huma dejjem aktar esposti għal theddid u mibegħda meta jipparteċipaw f'dibattiti, jaqsmu r-riżultati tagħhom u jikkontribwixxu għall-avvanz tal-għarfien; JENFASIZZA li l-Istati Membri, l-organizzazzjonijiet tar-riċerka u l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja jeħtieġ li jindirizzaw din il-problema.

V. Il-karrieri fir-riċerka jgawdu minn titjib fil-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-kompatibbiltà mal-familja

27. JIRRIKONOXXI li l-karrieri tar-riċerkaturi għandhom it-tendenza li ma jiġux żviluppati f'settur jew pajjiż waħdieni u li r-riċerkaturi mobbli għandhom it-tendenza li jkollhom għadd ta' perkorsi ta' karriera fir-riċerka filwaqt li l-benefiċċji tal-protezzjoni soċjali tagħhom²⁶, fosthom il-pensjonijiet, spiss ma jkunux jistgħu jiġu trasferiti jew jitqabblu u għandhom it-tendenza li jkunu validi biss fil-pajjiż fejn ikunu nkisbu.
28. JAGĦRAF li l-iskemi tal-pensjoni u s-sigurtà soċjali huma kompetenza nazzjonali u JINNOTA l-progress li nkiseb mill-iskema tal-Pensjoni supplementari pan-Ewropea RESAVER u l-ħtieġa għal aktar viżibbiltà u diversifikazzjoni tal-portafolli biex tiġi ffaċilitata l-adozzjoni mill-organizzazzjonijiet, inkluż il-fondazzjonijiet u s-settur tan-negozju u artikolazzjoni aħjar mas-sistemi nazzjonali; JISĦAQ li għandhom jithegħgu l-analiżi tal-istrumenti u l-għodod eżistenti u l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki.

²⁶ Ara n-nota 22 f'qiegħ il-paġna.

29. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa ta' promozzjoni tat-titjib fil-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u ambjent kompatibbli mal-familja bħala parti mill-prospetti tal-karriera, inkluż dispożizzjonijiet għall-indukrar tat-tfal u l-edukazzjoni, pawżi fil-karriera, leave tal-ġenituri u opportunitajiet ta' karriera doppja.
30. JENFASIZZA l-importanza tal-promozzjoni ta' opportunitajiet indaqs, inklużività u bilanċ bejn il-ġeneri b'mod partikolari fl-aċċess u l-progress fil-karriera, inkluż fl-ogħla pożizzjonijiet ta' tmexxija, it-tnaqqis tal-prekarjetà kif ukoll il-valutazzjoni tal-impatt tal-COVID-19, fost oħrajn, fuq il-karrieri tan-nisa u tal-persuni minn gruppi ta' minoranza.

VI. *L-aċċess għall-eċċellenza, it-trawwim tat-talent u t-tnaqqis tal-inugwaljanzi*

31. JENFASIZZA l-ħtieġa li jissaħħaħ l-investment pubbliku u privat fir-riċerka u l-iżvilupp fl-Ewropa u li jingħata appoġġ għas-sistemi ta' riċerka bi prestazzjoni aktar baxxa biex dawn isiru aktar attraenti u jiġu evitati l-eżodu tal-imħuħ u t-telf tal-kompetittività minħabba inugwaljanzi persistenti, u li tiġi promossa ż-żamma tat-talent fid-diversità kollha tiegħu; JISĦAQ li l-għan li tintlaħaq il-mira ta' 3% tal-PDG għar-riċerka u l-iżvilupp, u li jiġu żgurati sinerġiji fost il-programmi tal-UE u bejn il-programmi tal-UE u daww nazzjonali ser jikkontribwixxu għal dawn l-għanijiet.
32. JISĦAQ fuq l-importanza tal-appoġġ għar-riformi fis-sistemi nazzjonali tar-riċerka biex jiġi żgurat li l-karrieri fir-riċerka jkunu attraenti u tiġi indirizzata d-diverġenza fil-livelli ta' remunerazzjoni filwaqt li jittejbu s-sistemi tal-premjazzjoni u l-valutazzjoni. Għodod imġedda tal-Kummissjoni, bħall-Istrument ta' Appoġġ Tekniku u l-Faċilità ta' Appoġġ għall-Politiki ta' Orizzont 2020, jistgħu jgħinu fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' dawn ir-riformi meħtieġa; IQIS li l-Pjanijiet għall-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri f'Orizzont Ewropa jistgħu jkunu għodda promettenti biex tinkiseb aktar ugwaljanza fil-karrieri tar-riċerka.

VII. Mobilità intersectorjali, interdixxiplinari, virtwali u internazzjonali

33. JENFASIZZA l-importanza tar-riċerka interdixxiplinari biex tikkontribwixxi għal xjenza eċċellenti u tal-mobilità intersectorjali għat-trawwim tal-impjiegi xjentifiċi, il-kisba ta' skambju u adozzjoni aħjar tal-għarfien, il-kisba ta' sett usa' ta' ħliet relatati mar-riċerka u t-tqabbil aħjar ta' dawn mal-ħtiġijiet lil hinn mill-kamp akkademiku.
34. JISĦAQ fuq l-importanza tal-mobilità intersectorjali biex jiġu pprovduti opportunitajiet sinifikanti għall-impjeg u l-iżvilupp tal-karriera speċjalment għar-riċerkaturi fil-bidu tal-karriera tagħhom; JENFASIZZA li l-mobilità bejn is-setturi tista' tiegħu ħafna forom (mill-kamp akkademiku sal-industrija, in-negozju, l-entitajiet pubbliċi, l-organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ, is-setturi kulturali, u viċe versa, kif ukoll il-ħolqien ta' negozju) u JISĦAQ li s-sistemi ta' taħriġ u żvilupp tal-karriera għandhom jibnu opportunitajiet ta' mobilità u mekkaniżmi ta' gwida għas-setturi "STEM" (xjenza, teknoloġija, inġinerija u matematika) kif ukoll għax-xjenzi soċjali u l-istudji umanistiċi; JAGĦRAF l-importanza ta' kriterji adatti għall-evalwazzjoni u l-premjazzjoni xierqa tar-riċerkaturi li jwettqu mobilità intersectorjali.
35. IQIS li l-iskema ERA4You tehtiegħ li tkun imfassla b'mod konġunt mill-Kummissjoni u l-Istati Membri sabiex trawwem il-mobilità u l-aċċess għall-eċċellenza, inkluż għal dawk ir-riċerkaturi f'pajjiżi bi prestazzjoni baxxa fir-riċerka u l-innovazzjoni, u għandha timmira l-aktar riċerkaturi fi stadju bikri tal-karriera billi tħejjihom għal opportunitajiet ta' karriera lil hinn mill-kamp akkademiku; JENFASIZZA l-ħtieġa li titrawwem il-mobilità internazzjonali u intersectorjali u jitjiebu r-rabtiet bejn il-kamp akkademiku, in-negozji u s-soċjetà, billi jiġu offruti opportunitajiet fil-livell tal-Istati Membri u l-UE, jiġu esplorati l-aħjar Prattiki u skemi ġodda li jibnu fuq dawk offruti permezz ta' programmi bħall-MSCA, li jgħammru lill-membri b'esperjenza intersectorjali u internazzjonali.

36. JINNOTA l-ħtieġa li jiġu stabbiliti sħubijiet sodi bejn is-settur akkademiku u dak mhux akkademiku sabiex jidentifikaw il-ħtiġijiet tal-ħiliet, taħriġ ta' riċerkaturi u sistemi tal-iżvilupp tal-karriera; JISSOTTOLINJA l-importanza tad-dottorati taħt ir-responsabbiltà tal-kamp akkademiku ġġenerati fi sħubija mal-industrija, bħala eżempju ta' prattika tajba, diġà implimentati fl-MSCA, bl-użu wkoll ta' mezzi virtwali.
37. IQIS li l-ġibda tat-talent lejn l-Ewropa u ż-żamma tiegħu jeħtieġu kundizzjonijiet imtejba għar-riċerkaturi fil-bidu tal-karriera tagħhom, li jippromwovu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, ineħħu l-ostakli amministrattivi li fadal u jrawmu l-meritokrazija kif ukoll jadattaw is-sistemi tar-remunerazzjoni, is-sigurtà soċjali u l-pensjonijiet għal karrieri mhux lineari.
38. IQIS il-mertu fl-użu tat-tassonomija għall-ffinanzjament sostenibbli stabbilita reċentement għall-promozzjoni ta' negozji innovattivi, attivitajiet intraprenditorjali u biex jistimula l-karrieri fir-riċerka fl-industrija, l-SMEs u d-ditti kummerċjali, flimkien ma' żieda fil-livell u l-ambitu tar-riċerka u l-iżvilupp kummerċjali u privati.

VIII. Sinerġiji bejn iż-Żona Ewropea ta' Edukazzjoni Għolja u ż-Żona Ewropea tar-Riċerka

39. IFAKKAR li għandhom ikomplu jiġu żviluppatti sinerġiji u interkonnessjonijiet aktar b'saħħithom bejn iż-ŻER, l-elementi marbuta mal-edukazzjoni għolja taż-żona Ewropea tal-edukazzjoni, u l-EHEA (il-Proċess ta' Bolonja); IQIS li jistgħu jiġu rrealizzati sinerġiji bejn iż-"ŻER Ġdida" u ż-żona Ewropea tal-edukazzjoni permezz ta' Aġenda għat-Trasformazzjoni tal-Edukazzjoni Għolja komprensiva, żviluppata flimkien mal-Istati Membri u l-partijiet konċernati, li tippermetti l-awtonomizzazzjoni tas-settur tal-edukazzjoni għolja Ewropew fil-missjonijiet tiegħu ta' edukazzjoni, riċerka, innovazzjoni u servizz lis-soċjetà; JENFASIZZA li t-tisħiħ tal-karrieri fir-riċerka u t-tisħiħ tar-rabtiet tar-riċerka mal-apprendiment u t-tagħlim u l-appoġġ għall-edukazzjoni bbażata fuq ir-riċerka għandhom ikunu komponent ewlieni ta' din l-Aġenda.

40. Biex ikunu żgurati sinerġiji sħaħ bejn iż-ŻER, l-EHEA u ż-żona Ewropea tal-edukazzjoni, JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tappoġġa lill-Istati Membri fit-tfassil ta' miżuri ta' politika għal kooperazzjoni tranżnazzjonali kontinwa u ambizzjuża bejn l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja fl-Ewropa b'mod partikolari fil-qasam tal-karrieri akkademiċi u tar-riċerka li spiss huma marbuta waħda mal-oħra, li jippromwovu l-inklużività, jixprunaw l-eċċellenza u jtejbu l-kompetittività internazzjonali tas-settur tal-edukazzjoni għolja Ewropew, u b'hekk jinġibdu aktar talenti minn ġewwa u minn barra l-Ewropa.
41. IQIS li l-Inizjattiva tal-Universitajiet Ewropej, appoġġata fl-ERASMUS+ u kkomplementata taħt l-Orizzont 2020, hija element kruċjali ieħor fejn jidħlu s-sinerġiji; JAQBEL li l-alleanzi tal-Universitajiet Ewropej u s-sħubijiet tagħhom mal-ekosistemi lokali huma pjattaformi xierqa biex jittestjaw mudelli possibbli li jrawmu l-interoperabbiltà tal-karrieri fir-riċerka, u biex jesploraw possibbiltajiet li jkun hemm skemi konġunti ta' reklutaġġ, sistemi ta' taħriġ u ta' żvilupp tal-karriera li jaqdu kemm l-aspetti tar-riċerka kif ukoll tat-tagħlim, kif ukoll li jiġu ttestjati sistemi ġodda ta' premjazzjoni u valutazzjoni, inkluż għal tagħlim ibbażat fuq ir-riċerka; u JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tanalizza r-risultati ta' dawn il-proġetti pilota u tagħmel proposti li jqisu l-aspetti msemmijin hawn fuq.
42. JENFASIZZA l-potenzjal li għandhom il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC) u l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT) fir-rigward tas-settur tal-edukazzjoni għolja biex titrawwem l-intraprenditorija fir-riċerkaturi u għas-sostenn tal-ħolqien u l-espansjoni ta' negozji ġodda u SMEs fl-Ewropa.

IX. Monitoraġġ

43. IQIS l-iżvilupp ta' osservatorju għall-monitoraġġ tat-trajettorji tal-karrieri fir-riċerka, il-flussi tat-talenti li għandhom dottorat u postdottorat, inkluż il-mobbiltà ġeografika u settorjali u l-kundizzjonijiet tax-xogħol biex jippermetti l-valutazzjoni tas-sostenibbiltà u l-attrazzjoni tal-karrieri fir-riċerka, u tal-livell tal-bidla fl-inugwaljanzi; JAQBEL li approċċ Ewropew għall-professjoni tar-riċerka huwa essenzjali għall-iżvilupp ta' data statistika dwar il-mobbiltà u ċ-ċirkolazzjoni tat-talenti u l-identifikazzjoni tax-xejriet, il-mudelli, il-lakuni fil-ħiliet u bejn il-ġeneri u d-dinamika tas-suq tax-xogħol; u JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, tistabbilixxi sistema ta' monitoraġġ permanenti, komprensiva u trasparenti li tqis il-ħtiġijiet tad-diversi partijiet konċernati biex tkun tista' ssir l-evalwazzjoni tal-azzjonijiet tal-UE; JITLOB lill-Kummissjoni biex tiddissemina r-riżultati tal-istudju li għaddej bħalissa mal-OECD biex tiġi żviluppata data aħjar dwar l-istokkijiet u l-kundizzjonijiet tar-remunerazzjoni; barra minn hekk, JITLOB lill-Kummissjoni biex tiġbor u tippreżenta b'mod trasparenti d-data dwar il-flussi ta' mobbiltà fi ħdan l-UE ffaċilitati mill-Programm Qafas tal-UE.

X. Azzjonijiet prijoritarji taż-ŻER

44. IĦEĠĠEĠ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex itejbu l-ħiliet u t-taħriġ għal karrieri fi stadju bikri biex jagħtu spinta lir-reklutaġġ u l-progress fil-karriera u jippromwovu miżuri li jnaqqsu l-prekarjetà tal-karrieri fir-riċerka u l-inugwaljanza bejn il-ġenerazzjonijiet u jipprovdu lir-riċerkaturi fil-bidu tal-karriera karrieri ta' riċerka sostenibbli, prevedibbli u attraenti; u JITLOB lill-presidenzi futuri biex ikomplu jiżviluppaw u jesploraw din il-kwistjoni pendenti.
45. JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tipproponi pjan direzzjonali ta' implimentazzjoni għall-Osservatorju tal-Karrieri fir-Riċerka sabiex tipprovdi data soda għall-mobbiltà, il-perkorsi tal-karrieri, l-impjiegi u l-kundizzjonijiet tax-xogħol.

46. JISSUĠĠERIXXI li l-Istati Membri, l-organizzazzjonijiet tar-riċerka u t-teknoloġija u s-setturi mhux akkademiċi, b'mod partikolari s-settur tan-negozju, jikkunsidraw azzjoni kkoordinata għall-ħolqien ta' perkorsi tal-karriera diversifikati biex titnaqqas id-disparità tal-ħiliet u jintlaħqu l-aspettattivi tal-apprendisti għal dottorat.
47. IĦEĠĠEĠ lill-Istati Membri biex jinkludu bħala prijorità l-kwistjoni tal-investimenti u r-riformi fir-riċerka u l-innovazzjoni fl-oqsma msemmijin hawn fuq fil-politika nazzjonali tagħhom; u JISTIEDEN lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex ikomplu jressqu din il-kwistjoni fil-kuntest tal-aġenda politika futura taż-ŻER.
48. JISTIEDEN lill-Istati Membri, lill-Kummissjoni, lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, lill-organizzazzjonijiet li jwettqu r-riċerka u lill-organizzazzjonijiet li jiffinanzjaw ir-riċerka biex jaħdmu flimkien lejn żvilupp u applikazzjoni wiesgħa ta' prattiki moderni ta' valutazzjoni u ta' premjazzjoni sabiex jinħolqu l-inċentivi ġusti inkluż għal prattiki ta' xjenza miftuħa.
-